C/2025/6241

19.11.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2025/6241)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Cirò"

Numru tal-UE: PDO-IT-A0610-AM02 — 28.8.2025

1. **Isem il-prodott**

Cirò

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ IĠP

☑ DOP

☐ IĠ

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Italja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Ministero dell'agricoltura, della sovranità alimentare e delle foreste - Dipartimento della sovranità alimentare e dell'ippica - Direzione generale per la promozione della qualità agroalimentare - PQA I (il-Ministeru tal-Agrikoltura, tas-Sovranità tal-Ikel u tal-Foresti — id-Direttorat Ġenerali għall-Promozzjoni tal-Kwalità Agroalimentari — PQA I)

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-approvazzjoni u l-komunikazzjoni ta' din l-emenda standard jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda standard skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 u d-dispożizzjonijiet adottati skontu.

Spjegazzjoni tar-raġuni għalfejn l-emenda taqa' taħt id-definizzjoni ta' emenda standard imsemmija fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1143:

— ma tinkludix tibdil fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti dežinjati mill-indikazzjoni ġeografika;

— ma tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-dokument uniku;

— ma tinvolvix aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Tneħħija tal-inbejjed tat-tip "Classico"

Deskrizzjoni

L-inbejjed tat-tip Classico, kif ukoll ir-referenzi kollha, tneħħew bħala riżultat tar-rikonoxximent tad-DOP Cirò Classico. Bl-emenda tneħħa wkoll it-terminu "Classico" mit-taqsima "termini tradizzjonali".

L-emenda tikkonċerna l-Artikoli 1, 3, 5, 6, 7, 8 u 9 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u t-taqsimiet 6 "Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed" u 7.1 "Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom"

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Tneħħija tar-referenza għall-Korp ta' kontroll

Deskrizzjoni

L-Artikolu fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li jipprevedi referenzi għall-korp ta' kontroll ġie emendat, u ssostitwixxa din l-informazzjoni b'referenza għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 10 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

Cirò

Numru tal-UE: PDO-IT-A0610-AM02 — 28.8.2025

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Cirò

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

L-Italja

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 – Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

(1) Inbid

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Cirò aħmar

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Apparenza viżiva: aħmar lewn ir-rubin b'intensità li tvarja, bi ħjiel ta' vjola, b'tendenza li jagħti fil-granata fit-tipi riserva

Aroma

Riħa: pjaċevoli, delikata, intensa

Togħma

Togħma: xotta, robusta, sħuna, armonjuża, bellusija mat-tqaddim

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

"html:technicalFile.applicationDescriptio"

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	"maxAlcoholStrength"
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	"minAlcoholStrength"
Aċidità totali minima:	4,5
Unità ta' aċidità totali minima	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	"maxAcidity"
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	"maxSO2"

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,50 % tal-volum; 13,50 % tal-vol għat tip Superiore

Estratt minimu mingħajr zokkor 20,0 g/l.

Zokkor riduċenti residwu ta' mhux aktar minn 4,0 g/l.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Cirò rożè

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Apparenza viżiva: roża ta' intensità li tvarja

Aroma

Riħa: delikata u ta' nbid

Togħma

Togħma: xotta għal semixotta, friska, armonjuża u pjaċevoli

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

"html:technicalFile.applicationDescriptio"

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	"maxAlcoholStrength"
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	"minAlcoholStrength"
Aċidità totali minima:	4,5
Unità ta' aċidità totali minima	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	"maxAcidity"
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	"maxSO2"

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 12,50 % tal-volum;

Estratt minimu mingħajr zokkor 17,0 g/l.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Cirò abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Apparenza viżiva: isfar lewn it-tiben b'intensità li tvarja, kultant bi sfumaturi li jagħtu fl-aħdar.

Aroma

Riħa: armonjuża, pjaċevoli

Togħma

Togħma: minn xotta għal semixotta, armonjuża, delikata, distinta

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

"html:technicalFile.applicationDescriptio"

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	"maxAlcoholStrength"
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	"minAlcoholStrength"
Aċidità totali minima:	4,5
Unità ta' aċidità totali minima	fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	"maxAcidity"
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	"maxSO2"

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,00 % tal-volum;

Estratt minimu mingħajr zokkor 16,0 g/l.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

7. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

7.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew l-inbejjed u r-restrizzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni tagħhom*

Prattika tal-produzzjoni tal-inbid

DOC Cirò

Tip ta' prattika enoloġika

Prattiki enoloġiċi speċifiċi

Deskrizzjoni

L-operazzjonijiet ta' vinifikazzjoni u ta' konservazzjoni għall-inbejjed ħomor, rożè u bojod Cirò jridu jitwettqu fiż-żoni tal-produzzjoni definiti fl-Artikolu 3. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjonijiet tradizzjonali tal-produzzjoni, huwa permess li tali operazzjonijiet jitwettqu wkoll fil-muniċipalitajiet li t-territorju muniċipali tagħhom jaqa' biss parzjalment fiż-żoni ta' produzzjoni definiti fl-Artikolu 3 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

7.2. *Rendimenti massimi*

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Cirò abjad

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	87,5
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitru għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Cirò abjad

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	12 500
Unità ta' rendiment massimu:	kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Cirò aħmar u rożè

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	80,5
Unità ta' rendiment massimu:	ettolitru għal kull ettaru

L-inbejjed/kategoriji/varjetajiet/tipi kollha

Cirò aħmar u rożè

Rendiment massimu:

Rendiment massimu:	11 500
Unità ta' rendiment massimu:	kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

8. **Indikazzjoni tal-varjetà jew tal-varjetajiet ta' għeneb tal-inbid li minnhom jiġi prodott l-inbid jew jiġu prodotti l-inbejjed**

L-Italja - Gaglioppo N.

L-Italja - Greco bianco B. - Greco

9. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika definita**

L-għeneb maħsub għall-produzzjoni tal-inbejjed Cirò aħmar, inklużi t-tipi "Superiore" u "Superiore Riserva", u tal-inbejjed rożè u bojod, irid jiġi prodott fiż-żona tal-produzzjoni, li tinkludi t-territorji kollha tal-muniċipalitajiet ta' Cirò u Cirò Marina u parzjalment it-territorji tal-muniċipalitajiet ta' Melissa u Crucoli.

10. **Rabta maż-żona ġeografika**

Kategorija ta' prodotti tad-dwieli

(1) Inbid

Sommarju tar-rabta

Iż-żona ġeografika ddefinita tinkludi t-territorji kollha tal-muniċipalitajiet ta' Cirò u Cirò Marina u parzjalment it-territorji tal-muniċipalitajiet ta' Melissa u Crucoli. Iż-żona hija kompletament koperta mis-sediment Plijoċeniku li jinsab fuq il-bażi kristallina Paleożojka. Ir-ramel jew il-konglomerati jiddominaw l-għoljiet, li jiffurmaw parti kbira miż-żona. L-inbid attwali Cirò ġej minn inbid li kien jissejjaħ "Krimisa" fi żminijiet antiki. L-isem probabbilment ġej minn dak ta' kolonja Griega, Cremissa, li tinsab fis-sit attwali ta' Cirò Marina. Krimisa kien l-inbid offrut bħala rigal lill-atleti ta' suċċess tal-Logħob Olimpiku.

11. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

"html:description"

Mhux applikabbli

Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.masaf.gov.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/23393